# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Awwissu tal-2023

NR178/2023 Data tal-Ħruġ: 09 ta’ Ottubru 2023 Data tal-Għeluq: 03 ta’ Ottubru 2023

*F’Awwissu tal-2023, il-produzzjoni industrijali żdiedet bi 2.9 fil-mija meta mqabbla ma’ Awwissu tal-2022.*



L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f’Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta’ qabel**

F’Awwissu tal-2023, l-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali żdied bi 2.9 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2022. Meta kienet eskluża l-enerġija, l-Indiċi żdied b’4.0 fil-mija (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Paragun annwali tal-produzzjoni industrijali sħiħa

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Prodott tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta’ qabel**

F’Awwissu tal-2023, il-prodott tal-manifattura żdied b’4.1 fil-mija. L-akbar żieda kienet irreġistrata fil-manifattura ta’ prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika (14.9 fil-mija), segwita mill-manifattura tal-injam, prodotti tal-karta u l-istampar (12.7 fil-mija) u mill-manifattura ta’ prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika, tal-vista, u ta’ vetturi bil-mutur (8.9 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien irreġistrat tnaqqis ta’ 2.6 fil-mija f’manifattura oħra (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-prodott tal-manifattura - paragun annwali ta’ ċerti oqsma

Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta’ qabel mqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni**

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta’ użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella metodoloġika għal aktar tagħrif).

F’Awwissu tal-2023, il-produzzjoni tal-oġġetti intermedji, ta’ oġġetti kapitali u ta’ oġġetti tal-konsum żdiedet bi 8.7 fil-mija, 7.4 fil-mija u 0.5 fil-mija rispettivament. Għall-kuntrarju ta’ dan, kien hemm tnaqqis ta’ 1.1 fil-mija fil-produzzjoni tal-enerġija (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Paragun annwali maqsum bl-iggruppar industrijali ewlieni

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta’ qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta’ qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista’ tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma’ xahar (ara l-punti metodoloġiċi 5 u 6).

F’Awwissu tal-2023, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied b’0.6 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta’ qabel sabiex laħaq 112.8-il punt (2015=100) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. L-Indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun

Indiċi (2015 = 100)

